MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 898/2009

Maria Ellul
vs
Joseph Axiaq

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi l-partijiet huma ulied il-konjugi Carmelo u Maria Anna mizzewgin Axiaq li mietu fis-16 ta’ Dicembru, 1983 u fis-19 ta’ Settembru, 2007 rispettivament Dok. A u Dok. B;

2. Illi l-istess Carmelo u Marianna mizzewgin Axiaq ghamlu testment *unica carta* tas-sebgha u ghoxrin ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija wiehed u tmenin (27/6/1981) in atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin fejn huma istitwew bhala eredi universali

taghhom liz-zewgt uliedhom Joseph u Maria ahwa Axiaq, il-partijiet f'din il-kawza Dok. C;

3. Illi minn ricerki maghmula jirrizulta li s-successjoni ta' Carmelo Axiaq kienet regolata b'dan it-testment *unica carta* Dok. D u E;

4. Illi jirrizulta li sussegwenti ghall-mewt ta' zewgha, Marianna Axiaq ghamlet testment iehor fejn wara li irrevokat kull disposizzjoni precedenti istitwit bhala werriet universali lil binha Joseph Axiaq (l-intimat f'din il-kawza) Dok. F;

5. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandha dritt ghal porzjoni riservat mill-eredita` ta' ommha d-*decuius* Marianna Axiaq;

6. Illi wkoll b'donazzjonijiet maghmula mill-istess Marianna Axiaq kif ser jirrizulta ahjar fil-mori ta' din il-kawza l-intimat inghata diversi artijiet b'titolu ta' donazzjoni minghand ommu;

7. Illi ghalkemm interpellat entro t-terminu ta' sentejn mill-mewt ta' l-omm sabiex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' porzjoni riservat lir-rikorrenti spettanti skond il-Ligi l-intimat baqa inadempjenti Dok. G;

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tistabbilixxi u taccerta l-konsistenza ta' l-assi ereditarji tal-mejta Marianna Axiaq occorrendo bil-hatra ta' Periti Nominandi;

2. Tiddikjara li r-rikorrenti ghandha dritt ghas-sehem riservat mill-eredita` ta' l-imsemmija mejta ommha d-*decuius* Marianna Axiaq;

3. Tiddikjara li bid-donazzjonijiet maghmula mid-*decuius* waqt hajjitha lill-intimat, l-istess Marianna Axiaq eccediet il-porzjoni li seghtet tiddisponi minnha skond il-Ligi;

4. Tordna konsegwentement sa fejn huwa applikabbli l-kollazzjoni billi jigu nkluzi fil-komputazzjonijiet d-donazzjonijiet ta' l-assi mobbli u mmobbli li inghata l-intimat f'hajjet id-*decuius;*

5. Tillikwida l-porzjon rizervat spettanti lir-rikorrenti;

6. Tillikwida l-imghax dovut lir-rikorrenti mid-data tal-mewt ta' Marianna Axiaq;

7. Tassenja lir-rikorrenti s-sehem spettanti lilha mill-istess assi kemm-il darba l-istess huma komodament divizibbli u ghal dan il-ghan tinnomina perit ghall-eventwali qasma u kuraturi deputati halli jirrapresentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-attur u f'kaz li l-istess assi ma humiex komodament divizibbli tillikwida s-sehem spettanti lir-rikorrenti permezz ta' periti nominandi u tordna lill-intimat ihallas dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Lulju, 2009 u bl-imghaxijiet dekorribbli skond il-Ligi.

L-intimat gie ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimat li biha espona:

1. Illi preliminarjament din il-kawza trid tieqaf u ma tistax tkompli miexja qabel jigi assigurat illi d-dikjarazzjoni "*causa mortis*" ta' Maria Anna Axiaq giet prezentata ghand il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni u t-taxxa relattiva thallset;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-intimat qatt ma cahhad lill-attrici ohtu li tiehu l-legittima spettanti lilha

skond il-ligi bir-regoli applikabbli ghall-kaz sabiex tigi stmata din il-legittima. Fil-fatt, il-partijiet kienu qed jiddiskutu bil-Periti Arkitetti rispettivi taghhom s-sehem ta' l-attrici li huwa 1/6 *stante* li huma zewgt itfal bhala beni in natura u dana peress illi l-proprjeta` hija komodament divizibbli u peress li flus likwidi ma hemmx, pero` l-attrici inaspettatament istitwiet dina l-kawza, u ghalhekk l-intimat ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

3. Illi l-attrici jehtieg li taghmel il-prova li "bid-donazzjonijiet li ghamlet Maria Anna Axiaq hija eccediet il-porzjoni li setghet tiddisponi minnha skond il-ligi";

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat il-lista ta' xhieda prezentata mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza

Semghet l-abili difensuri

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat li fit-23 ta' Frar, 2010 gie nominat il-Perit Mario Cassar.

Rat li fl-istess data l-intimat iddikjara li flus ma hemmx izda hemm bicca art ta' St. Mary Street u biccar art ohra n-Nigret li hija *green area* u dar zghira z-Zurrieq.

Rat in-nota tar-rikorrenti a fol 42 li permezz taghha indikat lil-poprjeta` in kwistjoni hija s-segwenti:

1) Ghalqa tal-kejl ta' cirka tomnejn fi Triq Santa Marija, Zurrieq, Bubaqra (Dok A);

2) Tlett itmiem cirka fi Triq it-Torri, Wardija, Nigret, Zurrieq (Dok B);

3) Id-dar fuq u isfel numru 63, Triq il-Haddiema, Zurrieq (Dok C) u testment Dok C2 minn liema l-partijiet jiddetjenu n-nofs indiviz fi prorjeta` bejniethom (1/4 kull parti) mentri Maria ellul ghandha 1/6 sehem ommha u cioe` min-nofs indiviz l-iehor u l-intimat ghandu r-rimanenti nofs;

4) L-intimat inghata b'donazzjoni parti mill-ghalqa ta' Santa Marija, tal-kejl ta' cirka sitt *plots* u *plot* iehor mill-ghalqa fi Triq il-Gdida li tmiss ma' ghalqa li tinsab Triq Santa Marija, Zurrieq (Dok A1).

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar li fih issemma:
"KONKLUZJONIJIET
A) Illi l-propjetajiet huma komodament divizibbli fil-kwoti spettanti l-partijiet;
B) Illi s-sehem spettanti lil **attrici jammonta ghal €325,592, u dak tal-konvenut huwa ta' €1,542,958**;
C) Illi zewg skemi kif dan jista' jsehh huwa skont **Dok MEX1 u MEX 2**. Il-parti spettanti lill-attrici huma ndikati bil-kulur isfar.

**Dok. MEX1)**

**Cit.ref. LFS 898/2009** **Ellul Maria vs. Axiaq Joseph.**

| **Prop.** | | **Valur** | | **Ellul** | **Axiaq** |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Plots | Arja | | |
| **1+4** | **A** | **156** | 151450 | | |
| | **B** | **151** | 151450 | | |
| | **C** | **148** | 151450 | | |
| | **D** | **142** | 145000 | | |
| | **E** | **154** | 165000 | | |
| | **F** | **160** | 170000 | | |
| | **G** | **139** | 145000 | | |
| | **H** | **144** | 145000 | | |
| | **I** | **150** | 151450 | | |
| | **J** | **154** | 151450 | | |
| | **X** | **150** | 151450 | | |
| | | | **1678700** | 279783 | |

1398917

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **2** | **Dar** | **85000** | 28333 | 56667 |
| **3** | **Ghelieqi** | **104850** | 17475 | 87375 |
| | | **1868550** | Euros **325592** | **1542958** |

Sehem Ellul Axiaq

Euros **315000**

**Dok. MEX2)**

**Cit.ref. LFS 898/2009 Ellul Maria vs. Axiaq Joseph.**

| **Prop.** | | **Valur** | | **Ellul** | **Axiaq** |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Plots | Arja | | |
| **1+4** | **A** | **156** | 151450 | | |
| | **B** | **151** | 151450 | | |
| | **C** | **148** | 151450 | | |
| | **D** | **142** | 145000 | | |
| | **E** | **154** | 165000 | | |
| | **F** | **160** | 170000 | | |
| | **G** | **139** | 145000 | | |
| | **H** | **144** | 145000 | | |
| | **I** | **150** | 151450 | | |
| | **J** | **154** | 151450 | | |
| | **X** | **150** | 151450 | | |
| | | | **1678700** | 279783 | 1398917 |
| **2** | **Dar** | | **85000** | 28333 | 56667 |
| **3** | **Ghelieqi** | | **104850** | 17475 | 87375 |

**1868550** Euros **325592**
**1542958**
Sehem Ellul Axiaq

Euros **375000"**

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi l-intimat ma baqax jinsisti ghall-ewwel eccezzjoni tieghu u b'hekk din il-kwistjoni bejn l-ahwa tkun tista' tigi accellerata u definita kemm jista' jkun malajr. Illi s-successjoni ta' Maria Anna Axiaq, omm il-kontendenti, hija regolata bl-ahhar testment taghha tas-17 ta' Gunju, 2002 (Dok F) in forza ta' liema t-testatrici nnominat lil binha Joseph Axiaq bhala eredi universali taghha. B'hekk ir-rikorrenti kienet intitolata li tiehu l-porzjoni riservata taghha. Hemm qbil li qabel mietet Maria Anna Axiaq hija kienet ghamlet att ta' donazzjoni ta' l-artijiet fi Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq Saverio Laferla fiz-Zurrieq.

Illi fit-18 ta' Ottubru, 2010 il-partijiet qablu li s-sehem spettanti lill-attrici huwa ta' 1/6 u s-sehem spettanti lill-konvenut huwa ta' 5/6.

Il-proprjetajiet in divizjoni huma kollha derivanti mill-eredita` ta' Maryanna Axiaq.

Fit-2 ta' Frar, 2011 il-partijiet qablu li mill-fond 63, Triq il-Haddiem, Zurrieq l-attrici ghandha dritt ghal terz (1/3) fil-waqt li l-konvenut jippossjedi r-rimanenti 2/3 – *item* 3. Fis-27 ta' Ottubru, 2011 il-partijiet qablu li r-rikorrenti tippossjedi ¼ + 1/12 jigifieri 1/3.

Mill-proprjeta` ta' Triq Santa Maria – *item* 1 u *item* 4 tan-nota attrici, l-attrici tippossjedi 1/6 indiviz ta' l-art fi Triq Santa Maria – *item* 1 u *item* 4. Ghar-rigward ta' l-ghalqa fi Triq it-Torri Wardija fi Triq in-Nigret Zurrieq l-attrici tippossjedi 1/6 indivizi u r-rimanenti 5/6 jappartjeni lill-konvenut.

Qablu wkoll wkoll li dwar din l-art tan-Nigret tinsab imqabbla lil Joseph Zerafa bil-qbiela ta' Lm3.00 fis-sena ghalkemm dan Zerafa ilu xi zmien ma jhallas.

Irrizulta li ma nstabu ebda kontijiet bankarji.

Riferibbilment ghar-rapport peritali, ir-rikorrenti iddikjarat li hija taqbel mal-konkluzjonijiet u s-suggeriment tal-metodu ta' hlas indikat fl-ewwel opzjoni Dok MEX1 u ma taqbilx mal-opzjoni l-ohra indikata bhala Dok MEX2 fir-rapport. Il-Perit hareg sehem ir-rikorrenti fis-somma ta' €325,592 u f'MEX1 setghet tithallas ta' sehma bl-assenjazzjoni ta' *Plots* F u G (valur ta' €170,000 u €145,000) kif ukoll ekwiparazzjoni ta' €10,592.

Fil-fatt il-partijiet qablu dwar il-konsistenza tal-wirt u d-donazzjonijiet maghmula mill-mejta ommhom lill-intimat u l-valuri gew stabbiliti mill-Perit u r-rikorrenti iddikjarat li taqbel mal-valuri. Kien hemm ukoll qbil dwar il-kwoti spettanti lil kull parti mill-wirt. Il-kwoti gew stabbiliti fuq il-bazi ta' l-emendi ta' wara l-Att XVIII ta' l-2004 u a bazi ta' dan ir-rikorrenti insistiet li l-intimat huwa debitur taghha.

Riferibbilment ghas-sehem riservat, l-artikolu 615 tal-Kap 16 jiddisponi kif gej:

"615. (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet
riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.

(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:

Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139."

Ghalhekk insistiet li ghandha dritt ghall-imghaxijiet fuq il-kapital bir-rata stabbilita mil-Ligi fl-Artikolu 1139 tal-Kap 16. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:
"1139. Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq issomma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."

L-intimat jikkontendi li mhux dovut imghax minhabba li l-assi ereditarju mholli minn Maria Anna Axiaq hija kollha proprjeta` immobiljari. Jirreferi ghall-fatt li l-valur tal-porzjoni riservata ghandu jkun dak taz-zmien meta sejra tigi likwidata l-kwota legittimarja fis-sentenza (**Marianna Zammit *et* vs Antonia Ellul *et***, Appell Superjuri Civili, 28 ta' Jannar, 2005). Izda huwa propju dak il-valur li qed jitqies u cioe` tal-gurnata li fiha l-Perit ikkonkluda r-rapport. L-intimat ipprova jsostni li qed issir likwidazzjoni ta' ammont dovut u li l-ammont ghalhekk mhux likwidu a tenur tal-Kap 16 art 1139. Sostna li dak li hemm huwa debitu incert u mhux likwidu u ghalhekk ma jistghux jiddekorru imghaxijiet fuqu. Izda ghalkemm ir-regola normali hija kif qed isostni l-intimat, hawnhekk ghandha sezzjoni specifika tal-ligi li taghmilha obligatorja dwar l-imghax.

Ir-rikorrenti kienet baghtet Ittra Ufficjali f'Lulju 2009 u Maria Anna Axiaq mietet fid-19 ta' Settembru, 2007 u ghalhekk fit-terminu ta' sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni. Dan iwassal ghal ammont ta' imghaxijiet li bazat fuq is-somma ta' €325,592 likwidat mill-Perit jammontaw ghal €129,036.

L-intimat ipprova jattakka l-konsistenza ta' l-ammont likwidat u dan minhabba d-donazzjoniiet li ghamlet Maria Anna Axiaq. Hu jenfasizza li sehem ir-rikorrenti ghandu jkun mill-assi ereditarju ta' Maria Anna Axiaq ghax dak hu dak li r-rikorrenti talbet, ghax is-sehem riservat taghha mill-eredita` tirreferi ghal dan. Insista li din il-proprjeta` li giet moghtija b'donazzjoni ghandha tittiehed biss ghall-fini

tal-kalkolazzjoni tal-porzjoni riservata. Infatti fin-nota tieghu jghid hekk:
“Hekk fil-fatt qieghda titlob l-istess attrici fir-Rikors Guramentat taghha tant li fir-Raba’ talba attrici nsibu li “Tordna konsegwentement sa fejn huwa applikabbli l-kollazzjoni billi jigu nkluzi fil-komputazzjonijiet id-donazzjonijiet tal-assi mobbli u immobbli li nghata l-intimat f’hajjet id-*decujius*”. L-artijiet moghtija in donazzjoni kienu gia` allura ghaddew bhala proprjeta` fil-patrimonju ta’ l-esponent u ghalhekk fil-gurnata tal-mewt tat-testatrici Maria Anna Axiaq dawn ma baghawx proprjeta` taghha u ghalhekk ma kienux jiffurmaw parti mill-eredita' ta' l-istess *decujius*. Konsegwentement ukoll, fl-assenjazzjoni tal-kwota spettanti lill-attrici dina l-Onorabbli Qorti fil-waqt li ghandha tiehu in konsiderazzjoni d-donazzjoni li ghamlet id-*decujius* matul hajjietha biex jigi kalkolat il-valur tal-legittima, izda l-attrici imbghad ghandha tigi assenjata lilha, konfermement mas-seba’ (7) talba taghha, is-sehem spettanti lilha mill-proprjeta`, li rrizultat li hija komodament divizibbli (Ara pagina 13 tar-Rapport Peritali), li halliet it-testatrici Maria Anna Axiaq fl-eredita` taghha, u mhux tinghata sehem minn proprjeta` li gia' tappartjieni lill-esponent.”

L-initmat ghalhekk insista li ebda wahda miz-zewg skemi mill-Perit ma kienet tajba. Pero` l-Qorti tosserva li l-intimat ma ghazilx li jitlob il-periti addizzjonali u anqas li jeskuti lill-Perit. Il-Qorti thoss li l-Perit ipprova jasal ghal applikazzjoni gusta u tiddikjara li taqbel mad-Dokument MEX1 a fol 91.

F’dan l-istadju l-Qorti sejra tirreferi ghal talba maghmula mill-intimat fejn fil-paragrafu 10 tan-nota tieghu a fol 139 tal-process jghid hekk:
“Illi l-esponent jixtieq jippreciza li huwa jinsab sprovvist minn flus kontanti u ghalhekk fil-pjan ta’ qasma li joghgobha taghmel dina l-Qorti hija ghandha tiehu in konsiderazzjoni dan il-fattur halli b’hekk hija tassenja proprjeta' li ghandha valur superjuri ghal kwota spettanti lill-attrici u b’hekk l-esponenti jkollu jiehu differenza fi flus u mhux jghati.”

Fil-fatt il-Qorti osservat li fin-nota taghha r-rikorrent qalet hekk:
"Illi tul l-mori tal-proceduri l-intimat dejjem sostna li huwa ma ghandux kontanti sabiex jissodisfa d-debitu li huwa ghandu versu l-esponenti; ghalkemm l-esponenti tippreferi li tithallas sehemha f'kontanti hija m'ghandhiex diffikulta li tithallas permezz ta'assenjazzjoni ta' proprjeta izda dan diment li tigi assenjata l-proprjeta indikata mill-perit **f'Dok MEX1**; l-esponenti ma taqbilx mal-opzjoni MEX2 peress li fiha hija ser ikollha thallas ammont sostanzjali lil intimat, li mhux biss ma taqbilx li ghandha thallas skond it-talbiet minnha mressqa fil-kawza, talli liema ammont hija m'ghandhiex; ghalhekk l-esponenti tissottometti li filwaqt li d-dritt taghha huwa kreditu likwidu dan jista facilment jigi sodisfatt bl-opzjoni MEX 1; jekk l-intimat m'ghandux mezzi sabiex ihallas lil esponenti l-ekwiparazzjoni, l-esponenti disposta li minflok tithallas s-somma ta' Eur 10,592, tigi assenjata *plot* ohra sabiex jigi sodisfatt l-kreditu ulterjuri ta' imghaxijiet li l-intimat ghandu lejha u thallas ekwiparazzjoni f'ammont zghir;

Illi ghalhekk l-esponenti filwaqt li taccetta u taddotta r-rapport peritali limitatament ghall-opzjoni MEX 1, l-esponenti qed tipproponi li tigi assenjata wkoll Plot H li hija adgjacenti ma' dawk li qed jigi suggerit li tiehu, liema *plot* ghanda valur ta' EUR 145,000."

Meta tghodd il-valur tat-tliet *plots* (*Plot* F €170,000 + *Plot* G €145,000 + *Plot* H €145,000 = €460,000 - tnaqqas is-sehem riservat (€325,592 - tnaqqas l-interessi fis-somma €129,036 hija jkollha thallas lill-intimat is-somma ta' €5,372.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Riferibbilment ghall-eccezzjonijiet, l-ewwel wahda giet irtirata.

Dwar it-tieni eccezzjoni huwa ovvju li ma kienx intlahaq ftehim u anke bl-ghajnuna tal-Qorti kienu rikjesti tliet snin biex wiehed jasal ghal soluzzjoni u ghalhekk tichad it-tieni eccezzjoni.

Dwar it-tielet eccezzjoni r-rikorrenti ghamlet il-prova tad-donazzjonijiet maghmulin minn Maria Anna Axiaq u mill-istima tal-Perit irrizulta car li d-*decuius* eccediet il-porzjoni li setghet tiddisponi minnha skond il-ligi.

Riferibbilment ghat-talbiet tar-rikorrenti, il-Qorti stabbiliet il-konsistenza ta’ l-assi ereditarji tal-mejta Marianna Axiaq.

Tiddikjara li r-rikorrenti ghandha dritt ghas-sehem riservat mill-eredita` ta’ l-imsemmija mejta ommha d-*decuius* Marianna Axiaq.

Tiddikjara li bid-donazzjonijiet maghmula mid-*decuius* waqt hajjitha lill-intimat, l-istess Marianna Axiaq eccediet il-porzjoni li seghtet tiddisponi minnha skond il-Ligi

Ordnat il-kollazzjoni billi jigu nkluzi fil-komputazzjonijiet d-donazzjonijiet ta’ l-assi mobbli u mmobbli li inghata l-intimat f’hajjet id-*decuius*.

Illikwidat il-porzjon rizervat kif ukoll l-imghax dovuti u b’hekk tordna li jigu assenjati lir-rikorrenti *Plots* F, G u H b’dan li thallas lill-intimat ekwiparazzjoni ta’ €5,372.

Tassenja lir-rikorrenti s-sehem spettanti lilha kif inghad fil-paragrafu precedenti, tinnomina lin-Nutar Maria Spiteri ghall-iskop indikat u lil Dr. Abigail Galea bhala kuratur deputat halli tirrappresenta lill-eventwali kontumaci.

Spejjez kwart ghar-rikorrenti u tliet kwarti ghall-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------